(vi) sussidjarjament: billi annullat is-sentenza kkontestata safejn din tagħti drittijiet lil operaturi tas-suq oħrajn apparti minn KFF (is-sentenza kkontestata, punt 1).

---

**Rikors imressaq fit-23 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' l-Olanda**

**(Kawża C-521/07)**

(2008/C 37/12)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. van Nuffel u R. Lyal, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' l-Olanda

### It-talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li r-Renju ta' l-Olanda naqas milli jwettaq l-obbligi li huwa għandu skond l-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE peress li ma eżentax id-dividendi mħallsa lill-kumpanniji stabbiliti fin-Norveġja jew fl-Iżlanda mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi taħt l-istess kundizzjonijiet bħad-dividendi mħallsa lill-kumpanniji Olandiżi;

— tikkundanna lir-Renju ta' l-Olanda jbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Skond il-liġi fiskali Olandiża, it-taxxa fuq id-dividendi ma tinġabarx meta kumpannija Olandiża tħallas id-dividendi lil kumpannija oħra stabbilita fl-Olanda li jkollha mill-inqas 5 % ta' l-ishma tal-kumpannija li tħallas id-dividendi; min-naħa l-oħra, it-taxxa fuq id-dividendi tinġabar meta l-kumpannija li tirċievi d-dividendi tkun stabbilita fin-Norveġja jew fl-Iżlanda, sakemm il-kumpannija li tirċievi d-dividendi ma jkollhiex mill-inqas 25 % (Norveġja) jew l-10 % (Iżlanda) ta' l-ishma tal-kumpannija Olandiża li tħallas id-dividendi.

Il-Kummissjoni tqis li b'dan il-mod, il-liġi fiskali Olandiża toħloq diskriminazzjoni bejn il-kumpanniji li huma stabbiliti fin-Norveġja jew fl-Iżlanda u dawk li huma stabbiliti fl-Olanda. Dan huwa ostaklu għall-moviment liberu tal-kapitali bejn l-Olanda, in-Norveġja u l-Iżlanda, bi ksur ta' l-Artikolu 40 tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE) [1], dwar il-moviment liberu tal-kapitali, dispożizzjoni li, essenzjalment, tikkorrispondi ma' l-Artikolu 56 KE. Is-sitwazzjoni tal-kumpanniji Norveġiżi u Iżlandiżi li għandhom ishma fil-kapital ta' kumpannija Olandiża hija oġġettivament paragunabbli ma' dik ta' kumpannija Olandiża li għandha sehem simili. Il-liġi Olandiża ma tistax tiġi ġġustifikata. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri għall-prevenzjoni ta' abbużi, iżda dawn għandhom ikunu proporzjonati ma' l-għan persegwit, ħaġa li mhux qed issir f'dan il-każ.

(1) ĠU L 1, 3.1.1994.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Finanzgericht Düsseldorf (Il-Ġermanja) fit-22 ta' Novembru 2007 — Dinter GmbH vs Hauptzollamt Düsseldorf**

**(Kawża C-522/07)**

(2008/C 37/13)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf.

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Dinter GmbH.

*Konvenuta:* Hauptzollamt Düsseldorf.

### Domandi preliminari

1) In-nota addizzjonali 5(b) tal-kapitlu 20 tan-nomenklatura magħquda [1] għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "meraq tal-frott b'zokkor miżjud" ikopri wkoll il-meraq ta' frott li fil-fatt ma ġiex miżjud b'zokkor iżda li l-kontenut ta' zokkor miżjud ġie stabbilit b'mod konformi man-nota addizzjonali 5(a) tal-kapitlu 20 tan-nomenklatura magħquda?

2) In-nota addizzjonali 5(b) tal-kapitlu 20 tan-nomenklatura magħquda għandha tiġi interpretata fis-sens li l-użu tal-kliem "miksub minn frott jew biż-żieda ta' meraq konċentrat" sempliċement jispeċifika l-kunċett "meraq tal-frott fl-istat naturali tiegħu" imsemmi fl-istess nota u li din ta' l-aħħar tapplika fil-fatt għat-tipi kollha ta' meraq ta' frott (mhux fermentat u mingħajr żieda ta' spirtu) fi kwalunkwe stat jiġu ppreżentati fid-dwana?

3) Fil-każ li r-risposta għaż-żewġ domandi preċedenti tkun fl-affermattiv: in-nota addizzjonali 5(b) tal-kapitlu 20 tan-nomenklatura magħquda hija valida?

(1) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004, tas-7 ta' Settembru 2004, biex jemeneda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

## Rikors imressaq fis-26 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs ir-Repubblika ta' l-Awstrija

## (Kawża C-524/07)

(2008/C 37/14)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: B. Schima, aġent)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

### Talbiet

— tiddikjara li r-Repubblika ta' l-Awstrija naqset li twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikoli 28 u 30 KE billi vetturi użati importati, li diġà jkunu rreġistrati fi Stat Membru ieħor, iżda li ma jissodisfawx uħud mid-dispożizzjonijiet Awstrijaċi dwar l-emissjonijiet noċivi u l-emissjonijiet akustiċi, jiġu esklużi mir-reġistrazzjoni, filwaqt li, taħt l-istess kundizzjonijiet tekniċi, vetturi li diġà jkunu rreġistrati fl-Awstrija huma eżenti minn tali verifiki f'każ ta' reġistrazzjoni ġdida

— tordna lir-Repubblika ta' l-Awstrija tbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

L-Artikolu 28 KE jipprojbixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet u l-miżuri kollha li għandhom effett ekwivalenti bejn l-Istati Membri. Skond din id-dispożizzjoni, kull liġi jew regola ta' l-Istati Membri li, direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, tista' tostakola l-kummerċ intra-komunitarju tikkostitwixxi miżura ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjonijiet.

Permezz tad-dispożizzjonijiet Awstrijaċi dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi, il-vetturi użati, li diġà jkunu rreġistrati fi Stat Membru ieħor u li jiġu importati fl-Awstrija, jiġu esklużi mir-reġistrazzjoni meta ma jissodisfawx uħud mir-rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka dwar l-emissjonijiet noċivi u l-emissjonijiet akustiċi, minkejja l-fatt li, taħt l-istess kundizzjonijiet tekniċi, vetturi li diġà jkunu rreġistrati fl-Awstrija huma eżenti minn tali verifiki f'każ ta' reġistrazzjoni ġdida. Dan jikkostitwixxi ksur, min-naħa tar-Repubblika Awstrijaka, ta' l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikoli 28 u 30 KE.

Fil-fatt, leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-ewwel reġistrazzjoni fit-territorju nazzjonali ta' vettura diġà rreġistrata fi Stat Membru ieħor għall-osservanza ta' xi rekwiżiti dwar l-emissjonijiet noċivi u l-emissjonijiet akustiċi, li jkunu rekwiżiti aktar severi minn dawk li jirriżultaw mid-dritt sekondarju Komunitarju, tikkostitwixxi ostakolu għall-kummerċ intrakomunitarju. Barra minn dan, tali restrizzjoni għall-kummerċ tiddiskrimina kontra l-prodotti barranin, inkwantu tali rekwiżiti aktar severi mhumiex applikati f'każ ta' reġistrazzjoni ġdida wara t-trasferiment tal-proprjetà ta' vettura użata li diġà tkun irreġistrata fit-territorju nazzjonali. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali Awstrijaċi in kwistjoni lanqas ma jipprevedu l-irtirar miċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi diġà rreġistrati li ma jissodisfawx l-imsemmija rekwiżiti dwar l-emissjonijiet akustiċi u l-emissjonijiet noċivi, rekwiżiti li min-naħa l-oħra huma applikati biss fil-każ ta' l-awtorizzazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' vetturi importati.

L-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija lanqas mhija eskluża, f'dan il-każ, minn liġijiet speċifiċi oħra. L-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 93/59/KEE u 92/97/KEE li jistabbilixxu ċerti standards dwar l-emissjonijiet u l-livelli tal-ħoss ta' vetturi bil-mutur u li tagħmel referenza għalihom il-leġiżlazzjoni Awstrijaka fir-rigward tal-perċentwali massimi li għandhom jiġu osservati, ma japplikawx għall-vetturi li diġà jkunu mqiegħda fis-suq fi Stat Membru ieħor qabel id-data tad-dħul fis-seħħ stabbilita fl-imsemmija Direttivi. It-tieni nett, ma jistax jiġi invokat il-punt 1 ta' l-Anness II tal-Ftehim ŻEE f'dan il-każ billi l-importazzjoni ta' vetturi fl-Awstrija minn Stat Membru ieħor, li seħħet f'mument li fih kemm l-Awstrija kif ukoll l-Istat Membru kkonċernat l-ieħor kienu diġà jifformaw parti mill-Komunità, hija regolata esklużivament permezz tad-dritt Komunitarju.

Restrizzjonijiet għall-kummerċ intrakomunitarju jistgħu jkunu ġġustifikati biss mill-ġustifikazzjonijiet indikati espressament fl-Artikolu 30 KE u minn ħtiġijiet imperattivi oħra ta' interess pubbliku. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet restrittivi għandhom ikunu adegwati, neċessarji u proporzjonati u r-restrizzjonijiet li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jikkostitwixxu strument ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ostakolu moħbi għall-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Fir-rigward tar-restrizzjoni *de qua*, ma teżisti ebda ġustifikazzjoni adegwata. Fil-fatt mhuwiex permess li jiġu invokati motivi ta' ħarsien tas-saħħa jew ta' l-ambjent sabiex tiġi miċħuda r-reġistrazzjoni għal vetturi importati meta vetturi użati teknikament analogi, li jkunu diġà rreġistrati fit-territorju nazzjonali, jiġu eżenti mill-osservanza ta' tali rekwiżiti f'każ ta' reġistrazzjoni ġdida minħabba trasferiment ta' proprjetà. Barra minn dan, fl-opinjoni tal-Kummissjoni jistgħu jittieħdu miżuri anqas restrittivi sabiex jiġi żgurat il-passaġġ għal vetturi li jniġġsu inqas mill-aspett ta' l-emissjonijiet u tal-livelli tal-ħoss. It-twettiq ta' objettivi għall-ħarsien tas-saħħa u ta' l-ambjent imposti biss fuq vetturi importati huwa wkoll inkompatibbli mal-prinċipji tal-moviment liberu tal-merkanzija.